MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1125/2010

**Stivala Wholeads Caterers Company Limited**
**C-5356**

**vs**

**The Golden Shepard Group Limited**
**C-14948.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' elfejn u sebghin Ewro u disa' u tlettin centezmu (€2,070.39), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici ghal merkanzika mibjugha u kkunsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-9 ta' Frar, 2010 data ta'm l-ahhar konsenja sal-effetivi pagament kontra s-socjeta'konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn u sebghin Ewro u disa' u tlettin centezmu (€2,070.39), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------